348

18 ta' Novembru 2021

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
18 NOV 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/436/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Ta' Kandja Cargo Complex, l/o Ta' Kandja, Triq l-Imqabba, Sieggiewi* |
| *Proposta:* | *To Sanction signage, height of boundary wall, extension of offices Class 4A, Stores Class 6A, coldrooms and administration block to approved permit PA 3177/95* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Kevin Attard**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant Kevin Attard jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 436/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fis-20 ta' Ottubru 2021, l-istess Kummissjoni cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Fl-ewwel lok, jibda sabiex jigi kkjarifikat illi hawn si tratta ta' sit ezistenti intiz sabiex jintuza ghall-skopijiet ta' hazna.

1.2 Illi r-raguni principali tar-rifjut hija ibbazzata interament fuq il-fatt illi l-applikant ma rnexxielux jipprova illi li l-uzu mitlub huwa in linea mal-policies vigenti oltre li ma sarx sequential approach.

1.3 Illi jigi sottomess illi ghar-rigward tal-prova ta' l-uzu l-applikant issottometta provi sostazjali tramite is-sottomissjoni tieghu, ghall-liema provi u sottomissjonijiet issir referenza a skans ta' ripetizzjonijiet inutili. Illi huwa ghaldaqstant car, illi anke minn dawk il-provi u sottomissjonijiet biss, huwa car illi l-uzu gie ampjament ippruvat. Dan tenut ukoll kont tal-insanjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illi fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni simili, kemm l-Awtorita kif ukoll dan it-Tribunal huwa marbut mal-principji illi l-povi ghandhom ikunu fuq bazi ta' probabilita.

1.4 Illi huwa car illi z-zona in kwistjoni hija mimlija b' uzu simili u uzu ohra li m' ghandhom x' jaqsmu xejn ma' l-agrikoltura. Dak propost mill-applikant huwa intiz sabiex jaghmel din il-proprjeta izjed utilizzabblli, u jirrispetta il-kuntest.

1.5 Illi kif ser jigu ampjament ippruvat waqt dan l-appell, l-izvilupp propost huwa in linea ma dak provdut fil-policies rispettivi.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Xiedha:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**